**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 21/2022**

**Falzon Fuel Services Limited (C 45894)**

**Vs**

**L-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Riżorsi**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ippreżentant minn **Falzon Fuel Services Limited** fis-7 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:-

1. *Fl-14 ta' Frar, Falzon rċeviet l-ittra uffiċjali numru 464/22 ("**l-Ittra**") li ġiet ppreżentata mill-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi ("**l-Awtorita'**") ai termini tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap 423 tal-Liġijiet ta' Malta) ("**l-Att**") u r-regolamenti sussidjarji tagħha. L-ittra hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok A.*

2. *Permezz ta' l-Ittra, l-Awtorita' infurmat lil Falzon illi mill-informazzjoni u dokumentazzjoni li ġiet mibgħuta minn Falzon lill-istess Awtorita' ma jirriżultax li Falzon leħqet il-miri imposta fuqha mir-regolament 3 (3)(a) tar-Regolamenti dwar Emissjonijiet tal-Gass b'Effett Serra tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-Karburanti (L.S. 423.48) ("**ir-Regolamenti**") : u ċioe' li ġie milħuqa tnaqqis tas-6 % sal-31 ta' Diċembru 2020. F'dik l-Ittra, l-Awtorita':*

   (a) *interpellat sabiex is-soċjeta' esponenti sabiex, fi żmien 20 jum min-notifika tal-ittra, tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorita' skont l-art. 31A (1) tal-Att dwar dan (l-allegat) nuqqas;*

   (b) *fin-nuqqas li tottempera ruħha mall-provediementi fil-liġi u tkompli tikser l-Att jew ir-Regolamenti, u ma tirregolax ruħha fi żmien 20 jum, l-Awtorita, permezz tal-istess ittra imponiet multa amministrattiva ai termini tal-artikolu 31, 31A u 31 B tal-Kap 423 u dan fl-ammont ta' sittin elf Ewro (€60,000).*

3. *Minn qari tal-Ittra, kif ukoll mill-qari tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi, jirriżulta li għalkemm l-Awtorita' qed tistieden lis-soċjeta' esponenti tagħmel is-sottomissjonijiet dwar is-sejbien preliminari tal-ksur tar-Regolamenti (u dan fi żmien għoxrin jum), fl-istess nifs tgħid li jekk fi żmien l-istess għoxrin jum, Falzon ma tissodisfax jew tottemporax ir-rekwiżiti tal-liġi, awtomatikament tapplika l-multa ta' €60,000. Dan ifisser li għalkemm Falzon ġiet mistiedna tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar is-sejbien preliminari tal-Awtorita', fir-realta' dawn is-sottomissjonijiet ser isiru għal xejn u l-Awtorita' m'għandha l-ebda intenzjoni tanalizza u tikkonsidrahom. Dan għaliex, wara l-iskadenza tal-istess żmien ta' għoxrin jum awtomatikament tapplika b'effett immedjat il-multa ta' €60,000 u għaldaqstant l-Awtorita' lanqas biss għandha l-possibilita' taqra jew tikkonsidra s-sottomisssjonijiet.*

4. *Addizjonalment, ai termini tal-istess Ittra, tal-Art 31A (6) tal-Att kif ukoll l-art 34(7) , id-dritt ta' Falzon li tressaq appell quddiem dan it-Tribunal dwar id-deċiżjoni tal-Awtorita' li timponi l-multa – hekk imsejjħa – amministrattiva tagħha jiskadi ukoll fi żmien għoxrin jum mid-data li fih Falzon tkun rċeviet l-Ittra. Jekk l-appell ma' jsirx, l-Awtorita jkollha f'idejha titolu eżekuttiv għal dejn ta' €60,000 minn Falzon. Għaldaqstant Falzon issib ruħha fil-pożizzjoni illoġika li fi żmien għoxrin jum li tkun rċeviet l-Ittra:*

   a. *Tista' tagħmel sottomissjonijiet lill-Awtorita' biex tirribatti s-sejbien preliminari u turi li fil-fatt ma hemmx ksur kif allegat, jew li l-Awtorita' m'għadhiex timponi l-multa proposta minnha fl-Ittra;*
   b. *Nonostante s-sottomissjonijiet, id-deċiżjoni tal-Awtorita' li timponi l-multa ta' €60,000 titqies bħala deċiżjoni finali;*
   c. *Falzon trid bilfors tressaq appell quddiem dan it-Tribunal għaliex jekk le, wara li terġa ssir notifika tagħha lil Falzon Group permezz ta' att ġudizzjarju, l-Awtorita' jkollha f'idejha titolu eżekuttiv fil-konfront ta' Falzon li tkun tista' taqbad u teżegwixxi.*

5. *Huwa f'dan il-kuntest li Falzon qed tressaq ir-rikors tal-appell in kwistjoni. Huwa f'dan il-kuntest ukoll li Falzon tgħid li numru ta' dispożizzjonijiet tal-Att kif ukoll l-aġir tal-Awtorita' meta ħadet id-deċiżjoni li timponi l-multa, jilledu d-drittijiet fundamentali tagħha hekk kif protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'konsegwenza ta' dan, l-proċess kollu għandu jiġi annullat. Falzon taf tajjeb li ilmenti ta' natura kostituzzjonali ma jistgħux jitressqu quddiem dan it-Tribunal iżda għandhom bżonn jitressqu quddiem il-Qorti appożita skont ir-rekwiżiti tal-liġi. Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-appell qed jitressaq b'riżerva u mingħajr preġudizzju għal-lanjanzi ta' natura kostituzzjonali li għandha Falzon.*

***Il-bażi tal-appell***

6. *Appell minn deċiżjoni tal-Awtorita' tista' ai termini tal-Art 37 (2) tal-Att isir biss f'każijiet limitati:*

*(a) li jkun sar żball materjali dwar il-fatti;*
*(b) li kien hemm żball materjali fil-proċedura;*
*(ċ) li jkun sar żball fil-liġi;*

*(d) li kien hemm xi illegalità materjali, inkluża l-irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità.*

7. *F'dan il-każ, apparti l-ilmenti ta' natura kostituzzjonali li d-dispożizzjonijiet tal-Att stess huma leżivi tad-drittijiet fundamentali ta' smiegħ xieraq ta' Falzon, Falzon għandha żewġ aggravji oħra li qed tressaq permezz tar-rikors tal-appell. L-ewwel aggravju huwa wieħed proċedurali hu huwa bbażat fuq il-fatt li l-Awtorita' kienet irraġonevoli u/jew għamlet żball fil-proċedura meta ħarġet l-Ittra. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq il-fatt li l-Awtorita' ma kellhiex issib ebda ksur u anke f'każ li hemm ksur, meta ġiet biex timponi l-multa, l-Awtorita' aġixxiet b'mod irraġonevoli u/jew b'nuqqas ta' proporzjonalita'.*

***L-ewwel Aggravju: Il-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni huwa żbaljat u għaldaqstant id-deċiżjoni għandha tiġi rrevokata.***

8. *Is-soċjeta esponenti tissottometti li l-Awtorita' ma aġixxietx b'mod raġonevoli u b'nuqqas ta' proporzjonalita' kif ukoll għamlet żball proċedurali meta bagħtet l-ittra uffiċjali u għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Awtorita' li l-multa tiġi awtomatikament imposta għandha tiġi annullata u rrevokata.*

9. *Referenza issir għall-paragrafi 2 sa 4 fis-suespost. Permezz tal-Ittra li ntbagħtet mill-Awtorita', l-Awtorita interpellat sabiex is-soċjeta' esponenti sabiex fi żmien 20 jum min-notifika tal-ittra, tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorita' skont l-art. 31A (1) tal-Att dwar l-allegat sejbin ta' ksur. Fl-istess nifs però, tgħid lil Falzon li jekk ma tirregolax ruħha fl-istess għoxrin jum, permezz tal-istess Ittra qed timponi multa amministrattiva fl-ammont ta' sittin elf Ewro (€60,000).*

10. *Dan ifisser li għalkemm Falzon ġiet mistiedna tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar is-sejbien preliminari tal-Awtorita' u fil-fatt, Falzon ippreżentat dawn is-sottomissjonijiet (ara Dok B anness mar-rikors tal-appell), fir-realta' dawn is-sottomissjonijiet ser isiru għal xejn u l-Awtorita' m'għandha l-ebda intenzjoni tanalizza u tikkonsidrahom. Dan għaliex, mal-iskadenza tal-istess perjodu mogħtija mill-Awtorita' stess għas-sottomissjonijiet, l-Awtorita' fl-ittra tagħha iddeċidiet li awtomatikament tapplika b'effett immedjat il-multa ta' €60,000 u għaldaqstant l-Awtorita' lanqas biss m'għandha l-ebda intenzjoni jew saħansitra l-possibilita' taqra jew tikkonsidra s-sottomisssjonijiet. Dan ifisser li l-Awtorita' nnotifikat lil Falzon bid-deċiżjoni tagħha dwar l-impożizzjoni tal-multa qabel biss ma qieset il-pożizzjoni tagħha u kkonsidrat is-sottomissjonijiet tagħha.*

11. *Addizjonalment, l-Awtorita' lanqas ma tagħti raġuni għad-deċiżjoni li ttieħdet permezz tal-Ittra jew tal-inqas tagħti spjegazzjoni tal-mod kif wasslet biex tillikwida l-ammont tal-multa fl-Ittra u dan bi ksur tal-Artikolu 31 (8) tal-Att.*

12. *Għal dawn ir-raġunjiet u abbażi ta' dan l-ewwel aggravju, is-soċjeta' esponenti tissottometti bir-rispett li dan it-Tribunal għandu jiddikjara li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' kif ukoll l-multa imposta permezz ta' dik l-ittra għandha tiġi mħassra u rrevokata.*

***It-Tieni Aggravju: L-Awtorita' aġixxiet b'irraġenevolezza u/jew b'nuqqas ta' proporzjonalita'***

13. *Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju tagħha, Falzon tissottometti umilment li meta bagħtet l-ittra uffiċjali u ħadet id-deċiżjoni li timponi l-multa, l-Awtorita' aġixxiet b'mod irraġonevoli u/jew b'nuqqas ta' proporzjonalita'.*

14. *Is-soċjeta esponenti tforni żewġ tipi ta' biokarburanti għall-finijet tar-Regolamenti, u ċioe, bijodiżil u hydrotreated vegetable oil ("HVO"). L-HVO li tqiegħed fis-suq matul is-sena 2020 kien parti minn stokk li nxtara mis-soċjeta esponenti fl-2016 F'dak iż-żmien, ma kien hemm l-ebda obbligu fuq il-forrnituri biex jirrappurtaw dwar il-qawwa tal-gass b'effett serra tal-karburanti fornuta. Dan l-obbligu ġie introdott fil-liġi fl-2017 (permezz ta' avviż legali 410 tal-2017). Fil-fatt, meta kellha tirraporta lill-Awtorita dwar dan l-istokk tal-HVO, ma kellhiex l-informazzjoni kollha rikjesta mill-liġi, inkluż iċ-ċertifikat ta' Proof of Sustainability. B'konsegwenza ta' dan, is-soċjeta esponenti kellha tapplika d-default value li huwa teknikament l-ogħla valur li jista jiġi applikat u li jirriżulta f'tnaqqis iżgħar għal-iskop tar-regolament 3(3)(a). Fil-fatt, skont l-Awtorita, is-soċjeta esponenti ma laħqetx il-mira imposta fuqha mill-istess regolament.*

15. *Kif taf ben tajjeb l-Awtorita, is-soċjeta esponenti talbet l-assistenza tal-Awtorita numru ta' drabi, u dan kemm dwar l-implementazzjoni tar-Regolamenti, kif ukoll dwar il-metodu ta' kif ġie kkalkolat il-baseline value ta' 2010. Dawn kienu obbligi legali ġodda li kienu ġew introdotti u għaldaqstant kien hemm ċertu inċertezza dwar x'kellhom jagħmlu l-fornuituri sabiex ikunu konformi mal-liġi (tenut kont li l-liġi kienet tapplika ukoll fil-konfront ta' stokk li kien inxtara mill-fornituri qabel ma biss daħlu fis-seħħ dawn l-obbligi ġodda). Is-soċjeta esponenti riedet tkun konformi mal-liġi u kienet għal din ir-raġuni li talbet l-għajnuna mill-Awtorita'. Pero ma ngħatat ebda għajnuna f'dan ir-rigward. Minflok, l-Awtorità sempliċement irreferiet lis-soċjeta esponenti għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi tal-UE u tal-liġi nazzjonali, mingħajr ebda spjegazzjoni. Is-soċjeta esponenti kienet ukoll staqsiet lir- Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, jekk kienx hemm esperti lokali li jistgħu jagħtu xi assistenza f'dan ir-rigward, pero r-risposta kienet biss li dik il-kompetenza ma teżistix lokalment.*

16. *Is-soċjeta esponenti għalhekk kienet sorpriża ferm meta mbagħad l-Awtorita' imponiet multa eċċessiva ta' €60,000 fuq is-soċjeta esponenti għal inadempjenza taħt l-istess liġi li dwarha is-soċjeta esponenti stess kienet qed titħaddet mal-Awtorita'. Tenut kont ir-retroxena u l-fatt li is-soċjeta esponenti kienet dejjem iddiskudiet il-kwistjonijiet ma' l-Awtorita', kienet tistenna li forsi qabel ma tipproċedi bl-ittra uffiċjali, l-Awtorita' kellha taġixxi b'mod proporzjonali u raġonevoli u tiddiskuti l-kwistjoni mas-soċjeta esponenti. Għaldaqstant il-multa (li hija waħda sostanzjali) ma kellhiex tiġi imposta (jew, fl-aħjar ipotesi għall-Awtorita' u tenut kont tal-fatti, il-multa kellha tkun waħda ferm iktar konservattiva u raġonevoli).*

17. *Mingħajr preġudizzju, u minkejja dan kollu, wara li s-soċjeta esponenti rċeviet l-ittra uffiċjali in kwistjoni, Dr. Cornelia Zammit German (CEO tas-soċjeta esponenti) ottjeniet ċertifikat ta' Proof of Sustainability tal-HVO, liema ċertifikat jindika wkoll l-intensità tal-gas serra tal-istess HVO. (Ara dok. B anness ma din ir-risposta.) Huwa sottomess minn Falzon li huwa dan il-valur li għandu jiġi applikat għal fini tal-kalkolu tat-tnaqqis u mhux dak li applikat l-Awtorita'. Meta jiġi applikat dan il-valur, it-tnaqqis li jirriżulta huwa ta' ċirca 3.4 %, u mhux 2.9 % kif indikat fl-Ittra. Barra minn hekk, il-valur tal-intensita tal-gas serra tad-diżil irrappurtat mis-soċjeta esponenti huwa rappreżentattiv ta' l-istokk kollu tad-diżil li tpoġġa fuq is-suq, mentri fil-fatt huwa l-*

*porzjon użat fit-trasport biss li għandu jittieħed in konsiderazzjoni għat-tħaddim tat-tnaqqis. Għal dawn ir-raġunijiet ukoll, jirriżulta li l-multa li ġiet imposta mill-Awtorita' mhix waħda proporzjonali jew raġonevoli.*

***Konklużjoni***

*18. Għar-raġunijiet kollha imsemmija, filwaqt li Falzon tirriżerva kull dritt li tressaq il-provi u x-xhieda kollha neċessarji, titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu:*

*(a) iħassar u jirrevoka l-effetti kollha tal-ittra uffiċjali 464/22 maħruġa mill-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi kontra Falzon u/jew id-deċiżjoni tal-Awtorita' li timponi l-multa kontra Falzon ta' €60,000; jew*
*(b) Tvarja d-deċiżjoni tal-Awtorita' li jimponi multa ta' €60,000 u tordna li din il-multa għandha titnaqqas għall-ammont ferm iżgħar tenut kont il-fatti tal-każ.*

*B'riżerva għal kull azzjoni oħra ta' Falzon, inkluż il-proċeduri kostituzzjonali u bl-ispejjeż kontra l-imsemmija Awtorita'.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Riżorsi** ippreżentata fit-23 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi t-talba tas-soċjeta Falzon Fuel Services Limited (C45894) għandha tiġi miċħuda u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi dan l-Appell jittratta dwar l-ittra uffiċjali datata t-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), kopja ta liema hija hawn annessa u mmarkata Dokument MRA 1.*

*2. Illi l-Awtorita esponenti ma taqbel xejn ma' dak li tgħid is-soċjetà appellanti li s-sottomissjonijiet tagħha qegħdin isiru għal xejn ġaldarba mhuwiex minnu li l-Awtorità timponi awtomatikament il-multa ta' €60,000 u li din tappiika b'effett immedjat mingħajr ma taqra jew tikkonsidra s-sottomisssjonijiet magħmula, ġaladarba hija l-proċedura addottata mill-Awtorità u skont ġurisprudenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal li wara l-iskadenza tal-għoxrin jum mid-data tan-notifika tal-att ġudizzjarju mibgħut mill-Awtorità, dan ikun segwit mid-deċiżjoni mibgħuta mill-Awtorità li tikkonferma l-ħruġ tal-multa amministrattiva, dejjem jekk ikun il-każ, u jekk ma jkunux saru sottomissjonijiet kif mitlub jw f'nuqqas ta' ottemperenza jekk ikun il-każ u dejjem fl-evenjenza li ma jkunx sar appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal.*

*Għaldaqstant mhuwiex minnu kif tgħid is-soċjetà appellanti li "Jekk I-appell ma' jsirx, I-Awtorita jkollha f'idejha titolu eiekuttiv għal dejn ta' €60,000 minn Falzon", ġaladarba kif ingħad qabel wara l-iskadenza tat-terminu tal-appell, jekk ma jkunx hemm appell quddiem dan it-Tribunal, l-Awtorità xorta tgħaddi biex toħroġ deċiżjoni li timponi l-multa jekk ikun il-każ, u allura isegwi li l-argumenti u l-aggravju rilevanti fil-paragrafi 1 sa 5 tal-appellanti għandhom jiġu mwarba.*

*3. Għall-istess raġunijiet l-aggravju kontenut fil-paragrafi 7 sa 11 fl-appell tar-rikorrenti għandu jiġi mwarrab għall-istess raġunijiet.*

*4. Illi mhijiex korretta ukoll s-soċjetà appellanti meta tgħid li l-Awtorità "lanqas ma tagħti raġuni għad-deċiżjoni Ii ttieħdet permezz tal-Ittra" stante li dan huwa misjub fl-ittra ġudizzjarja mibgħuta mill-Awtorità stess ossija:*

*"Illi wara li l-Awtorità interpellat lis-soċjetà intimata biex hija tibgħat l-informazzjoni rilevanti li turi li hija laħqet il-mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-*

*ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti u enerġija fornuti sal-mira ta' 6% sal-31 ta' Diċembru 2020 a tenur tar-regolament 3(3)(a) tal-L.S.423.48 jirriżulta skont l-informazzjoni u rapporti mibgħuta mis-soċjetà intimata stess, li din il-mira ma ntlaħqitx u li l-istess tnaqqis li ntlaħaq kien ta' 2.9% biss (ara dok.MRA anness)."*

*Illi l-Awtorità esponenti ddeterminat l-ammont kontenut fl-istess ittra b'riflessjoni tal-gwadann magħmul mis-soċjetà appellanti a segwitu tan-nuqqas ta' ottemperenza mar-regolament 3(3)(a) tal-L.S.423.48 liema inadempjenza ġiet ammessa mill-istess appellanti fil-korrispondenza mal-Awtorità annessa mal-att ġudizzjarju mibgħuta mill-Awtorità u ex admissis fl-appell tagħha stess.*

*5. Illi ukoll mhuwiex minnu ukoll li l-Awtorità ma aġixxixt b'mod proporzjonali u raġonevoli stante li l-Awtorità esponenti ma kellhiex triq oħra ħlief li tirrikori għall-azzjonijiet li ħadet.*

*6. Illi fir-rikors tal-appell qed jingħad li l-HVO Ii tqiegħed fis-suq matul is-sena 2020 kien ilu mixtri mis-sena 2016. Però xorta kien hemm biżżejjed żmien biex Falzon Fuel Services Ltd. tirregola ruħha dwar kif kellha tilħaq l-obbligi tagħha sas-sena 2020.*

*Is-soċjetà appellanti ma kellha xejn xi jżommha biex tara kif se tagħmel biex tilħaq l-obbligu tagħha b'tali mod li tnaqqas kemm jista' jkun gradwalment l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja b'6% sal-31 ta' Diċembru 2020. L-Awtorità ġibdet l-attenzjoni ta' Falzon Fuel Services Ltd. fuq din is-sitwazzjoni diversi drabi minn tal-inqas mis-sena 2018, 2019 u 2020.*

*Is-soċjetà appellanti tisħaq li fis-sena 2016 "ma kien hemm I-ebda obbligu fuq il-fornituri biex jirrappurtaw dwar il-qawwa tal-gass b'effett serra tal-karburanti fornuta" u li dan "I-obbligu ġie introdott fil-liġi fl-2017 (permezz ta' awiż legali 410 tal-2017)". Iżda dan mhuwiex fattwalment korrett. L-A.L. 556 tal-2010 tal-24 ta' Diċembru tas-sena 2010 kien ittraspona l-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE. Wara l-ħruġ tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652, dawn ir-regolamenti ġew emendati permezz tal-A.L. 410 tal-2017 li jittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 billi jistabbilixxi regoli dwar il-metodi ta' kalkolu u rekwiżiti ta' rappurtar. Illi allura jirriżulta li l-istess appellanti kellha żmien biżżejjed biex torjenta ruħha dwar l-obbligi ġodda inkombenti fuq l-operaturi tal-fjuwil minn qabel sew is-sena 2016.*

*Illi fil-fatt l-Awtorità kien ilha sa mis-sena 2018, tispjega lil Falzon Fuel Services Ltd. Dwar is-sitwazzjoni tal-"hydrotreated vegtable oil (HVO)" magħmul minn "palm oil", li mingħajr iċ-ċertifikat tal-"proof of sustainability", id-"data" u l-informazzjoni u l-kalkoli rilevanti li jiddeterminaw l-intensità tal-gass serra tal-bijokarburanti kellha tintbagħat lill-Awtorità u kienet mankanza tal-istess soċjetà appellanti li ma provditx din l-istess informazzjoni a tempo debito lill-Awtorità.*

*7. Illi fir-rikors tal-appell ta' Falzon Fuel Services Ltd. jingħad li ntalbet I-assistenza tal-Awtorità numru ta' drabi dwar il-metodu ta' kif ġie kkalkulat l-istandard tal-linja ta' bażi għall-2010. Din l-allegazzjoni m'hijiex veritiera. Li kieku Falzon Fuel Services Ltd. riedet tkun taf il-metodu ta' kif ġie kkalkulat l-istandard tal-linja ta' bażi għall-2010, kulma kellha tagħmel kien li tirreferi għal-L.S. 423.48 u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652. Il-metodu ta' kif ġie kkalkulat l-istandard tal-linja ta' bażi għall-2010 u l-istandard tal-linja ta' bażi għall-2010 ġiet ikkalkulata mill-Kummissjoni Ewropeja u ddaħħlet f'"template" li taħdem b'mod awtomatiku u li tista' tintuża mill-operaturi kemm biex jirrappurtaw u anke biex jippjanaw kif se jilħqu l-obbligi tagħhom.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li t-talba tal-appellanti għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet imsemmija, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra illi r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-soċjetà rikorrenti (iktar 'il quddiem "Falzon") ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kontenut f'ittra uffiċjali datata 3 ta' Frar 2022 li permezz tagħha ġiet infurmata bis-segwenti:

> *Bil-preżenti l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ta' Millenia Buildings, Aldo Moro Road, Marsa, tagħmel referenza għad-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta) u tagħmel referenza wkoll għar-Regolamenti dwar Emissjonijiet tal-Gass b'Effett Serra tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-Karburanti (L.S. 423.48), li jiddisponu inter alia, fir-regolament 3(3) tagħhom li:*
>
> *''(3) Il-forituri għandhom inaqqsu kemm jista' jkun gradwalment emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti u enerġija fornuti sa 10% sal-31 ta' Diċembru 2020, paragunat ma' linji bażi standard għal karburanti speċifikata mill-Awtorità msejsa fuq l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti fossili. Dak it-tnaqqis għandu jkun magħmul minn: (a) 6% sal-31 ta' Diċembru 2020;''*
>
> *Illi s-soċjetà intimata Falzon Fuel Services Limited (C45894) hija ''fornitur'' ai termini tal-istess regolamenti billi hija entità responsabbli biex tgħaddi karburanti jew enerġija minn post ta' dazju tas-sisa.*
>
> *Illi wara li l-Awtorità nterpellat lis-soċjetà intimata biex hija tibgħat l-informazzjoni rilevanti li turi li hija laħqet il-mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti u enerġija fornuti sal-mira ta' 6% sal-31 ta' Diċembru 2020 a tenur tar-regolament 3(3)(a) tal-L.S.423.48, jirriżulta skont l-informazzjoni u rapporti mibgħuta mis-soċjetà intimata stess, li din*

*il-mira ma ntlaħqitx u li l-istess tnaqqis li ntlaħaq kien ta' 2.9% biss (ara dok. MRA anness).*

*Illi l-istess Awtorità mittenti qiegħda tinterpella lis-soċjetà intimata, sabiex fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità skont l-Artikolu 31A(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi dwar in-nuqqas tagħha li tilħaq il-mira msemmija iktar hawn fuq ta' tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti u enerġija fornuti sal-mira ta' 6% sal-31 ta' Diċembru 2020 a tenur tar-regolament 3(3)(a) tal-L.S.423.48.*

*Fin-nuqqas li s-soċjetà intimata tottempera ruħha mal-imsemmija provvedimenti fil-liġi, u tkompli tikser xi disposizzjoni tal-imsemmija Att u, jew liġi sussidjarja u/jew xi regolamenti magħmulin taħt il-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew att ieħor li l-Awtorità għandha jedd tinforza, u, jew deċiżjoni jew direttiva tal-Awtorità u li ma tirregolax ruħha fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, l-Awtorità qiegħda timponi fuqha multa amministrattiva ai termini l-artikoli 31, 31A u 31B tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Emissjonijiet tal-Gass b'Effett Serra tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-Karburanti (L.S. 423.48), fl-ammont ta' sittin elf ewro (€60,000).*

*Inoltre l-Awtorità mittenti tavżak illi jekk tibqa' inadempjenti se jittieħdu, mingħajr ebda pre avviż ieħor il-proċeduri opportuni kontra l-istess soċjetà intimata.*

*Tant sabiex tkun avżata u biex tagħraf tevita proċeduri u spejjeż inutili.*

## PROVI

**L-Inġinier Maurizio Busuttil**, *Anaylst 1* fi ħdan l-Awtorita` intimata, xehed illi l-irwol tiegħu huwa li kull sena jiġbor l-informazzjoni mingħand il-fornituri ta' *fuel* u enerġija sabiex jitħejja rapport li jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropeja u dan ai termini ta' Direttiva tal-Unjoni Ewropeja 2015/652, liema Direttiva ġiet trasposta fil-liġi tagħna fl-2017 (Leġislazzjoni Sussidjarja 423.48 Regolamenti Dwar Emissjonijiet tal-Gass B'Effett Serra Tul iċ-Ċiklu Tal-Ħajja Mill-Karburanti). Spjega li mis-sena 2020 il-fornituri kellhom obbligu li jnaqqsu b'6% l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti u enerġija fornuti. Xehed illi fis-suq hawn *biofuel* li huwa kkunsidrat bħala sostenibbli u ieħor li mhux ikkunsidrat bħala sostenibbli għall-ambjent. Xehed illi biex fornitur juri li laħaq il-mira ta' tnaqqis ta' 6% skont id-Direttiva, ried ikollu ċertifikat ta' *proof of*

*sustainibility* jew inkella, fin-nuqqas, ried jagħmel kalkolu abbażi tad-*default* values li hemm f'artikolu 7D tal-Fuel Quality Directive. Spjega li Falzon kienu ssottomettew rapport fl-2018 u hu kien induna li kellhom diffikulta fuq valur partikolari tal-*greenhouse gas intensity* tal-*biofuel*. Għalhekk hu offrielhom biex jiddiskutu l-kwistjoni pero` qatt ma ltaqgħu. Fis-sena 2019 kien hemm l-istess problema u għalhekk hu kitbilhom b'xi dettalji x'riedu jagħmlu. Pero` l-problema qatt ma ġiet irranġata da parti ta' Falzon.

Kompla jgħid illi mir-rapporti li kienu qed jibgħatu Falzon kull sena beda jirriżulta illi din il-mira ma bdietx tintlaħaq. Iktar minn hekk huwa kien talab lil Falzon biex tfornilu kif kienu qed jaslu għal-kalkoli tagħhom ladarba ma kellhomx iċ-ċertifikat tal-*proof of sustainibility* għal kull konsensja ta' *biofuel* li tpoġġa minnhom fis-suq lokali. Spjega li dan iċ-ċertifikat pero` ma wasalx għaliex Falzon spjegawlu li ma kienx għad għandhom kuntatt mal-fornitur tagħhom. Kompla jgħid li għalhekk kien hemm il-ħtieġa li Falzon jispjegaw il-metodu kif kienu qed jaslu għaċ-ċifri li jidhru fuq ir-rapporti tagħhom. Għalhekk l-Awtorita` intimata kellha tassumi li la ma tawhomx il-kalkoli kif mitluba, il-*biofuel* irrapurtat fir-rapporti kelhom emissjonijiet daqs id-*diesel*.

Spjega wkoll illi wara li ra ċ-ċertifikat tal-*proof of sustainibility* anness mar-rikors promutur, dan xorta ma kien jilħaq il-miri stipulati fil-liġi.

**L-Inġinier George Cassar,** uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi huwa jaf li l-Inġinier Busuttil kien qed jikkomunika ma' Falzon biex jiġbor id-*data* pero` f'punt minnhom kienu ltaqgħu u ddeċidew li jipproċedu fuq multa amministrattiva stante li Falzon ma kienx laħaq il-miri stipulati fil-liġi. Spjega li bħala ammont tal-multa kienu waslu għaliha wara li saru ċertu kalkoli ta' kemm Falzon tbiegħ *fuel* u tal-mira li kienet laħqet, u ċioe` ċirka 3%. Spjega li din kienet l-ewwel darba li kienu se jimponu multa għal nuqqas ta' dan it-tip. Fuq mistoqsija tal-konsulent legali ta' Falzon, ix-xhud wieġeb li lil Falzon ma kinux staqsewhom għal fatturi ta' kemm kienu ħallsu għall-fuel pero` kkonferma li ċ-ċifra ta' €60,000 waslu għaliha abbażi tal-prezz ta' dak iż-żmien. Pero` kkonferma li l-Awtorita` intimata ma kellhiex xi linji gwida dwar il-multi li kellha diskrezzjoni timponi fuq il-fornituri u li lanqas seta' jipproduċi l-kalkoli li abbażi tagħhom waslu għaċ-ċifra ta' €60,000 stante li dawn ma ġewx *minuted*.

**Dr. Cornelia Zammit German**, Kap Eżekuttiv ta' Falzon Group of Companies, xehdet illi Falzon topera bħala importatur u fornitur ta' prodotti tal-*petroleum* fis-suq lokali. Spjegat li kull sena għandha obbligu li tħejji rapport lill-Awtorita intimata fuq *template* pprovduta mill-istess Awtorita`. Xehdet illi Falzon tniżżel id-*data* mitluba filwaqt li kwalunkwe kalkolazzjoni ssir b'mod awtomatiku. Kompliet tgħid illi Falzon kienet qed tiltaqa' ma' problema fir-rigward tar-rapurtaġġ tal-emissionjiet tal-*biofuel* li kien qed jiġi importat. Meta talbu l-

Awtorita` għall-gwida tagħha, din kienet tirreferihom għall-*formulae* imsemmija fid-Direttivi tal-Unjoni Ewropeja u kienu nfurmati li jekk kellhom xi diffikulta biex jipprovdu d-*data* skont l-istess *formulae,* l-Awtorita` kienet se tapplika d-*default values*. Spjegat li fin-nuqqas ta' assistenza reali da parti tal-Awtorita` intimata u fin-nuqqas ta' esperti fil-qasam li setgħu jgħinuhom jikkompilaw id-*data*, ma kellhomx triq oħra ħlief li josservaw id-direttivi tal-Awtorita` fl-għama u jissottomettu rapporti emendati skond kif diretti mill-istess Awtorita`.

Hija kompliet tgħid li matul il-komunikazzjoni li kellhom mal-Awtorita`, qatt ma ssemmiet il-possibilita` li tiġi inflitta xi multa fl-evenetwalita` li ma tintlaħaqx xi mira. Hija saħqet ukoll illi fid-deċiżjoni appellata ma kellhom ebda ħjiel kif l-Awtorita` intimata waslet għall-figura tal-multa. Kien biss waqt ix-xhieda tal-Inġinier George Cassar li ngħataw ħjiel dwar dan. Spjegat li l-metodu li l-Awtorita` intimata ħadmet il-multa fuqu huwa żbaljat għaliex ma kkunsidratx id-differenza fil-prezz beujn *double-counting* u *single-counting biofuel.*

In kontro-eżami spjegat li minħabba d-*deadlines* li kien hemm, wara li Falzon talbet għanuna teknika mill-Awtorita` intimata u din ma ngħatax, ma kellhomx triq oħra ħlief li jmorru għal *default values.* Mistoqsija jekk kinitx konxuja li fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita` intimata kien hemm informazzjoni kif għandha tiġi kompilata r-*reportint template* hija wieġbet li ma kinitx konxja.

**Ikkunsidra:**

Illi l-aggravji mressqa minn Falzon huma sintetikament is-segwenti, u ċioe`:-

1. Għalkemm l-Awtorita` intimata stiednitha tressaq is-sottomissjonijiet tagħha dwar is-sejbien tal-ksur tar-Regolamenti, fl-istess nifs infurmatha li jekk, fl-istess terminu li għandha tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, ma tottemprax ruħha mar-rekwiżiti tal-liġi, se tiġi mposta fuqha multa, u dan meta saħansitra kien għaddej it-terminu biex l-istess soċjeta` tressaq appell mill-istess deċiżjoni;
2. Is-soċjeta` rikorrenti ma ngħatat ebda spjegazzjoni kif waslet għaċ-ċifra tal-multa ta' sittin elf ewro (€60,000);
3. L-Awtorita` intimata mxiet b'mod irraġjonevoli u/jew b'nuqqas ta' proporzjonalita`.

Illi t-Tribunal se jibda biex jitratta l-ewwel aggravju, u ċioe` li d-deċiżjoni appellata hija proċeduralment monka u dan għar-raġunijiet indikati fil-paragrafu preċedenti.

Illi ai termini tal-artikolu 31A tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Riżorsi):

*"**31A.** (1) L-Awtorità, qabel ma timponi penali amministrattiva fuq xi persuna li tikser jew tonqos milli tosserva -*
*(a) xi disposizzjoni ta' dan l-Att;*
*(b) regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;*
*(ċ) xi liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tenforza;*
*jew;*
*(d) xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tenforza; jew*
*(e) xi kondizzjoni ta' xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan*
*l-Att,*
*għandha permezz ta' ittra uffiċjali lill-persuna involuta –*
*(i) tagħti avviż lil dik il-persuna tal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta mill- Awtorità;*
*(ii) tagħti avviż tar-raġuni speċifika għaliex tkun qegħda tiġi imposta dik il-penali;*
*(iii) tagħti avviż dwar l-ammont tal-penali;*
*(iv) titlob lil dik il-persuna biex issewwi l-atti jew l-ommissjonijiet li jkunu saru minn dik il-persuna u, jew li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità fi żmien speċifikat:*

*Iżda dak iż-żmien ma' jistax ikun ta' aktar minn għoxrin ġurnata u mhux anqas minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali:*

*Iżda wkoll il-persuna, li kontriha tista' tiġi imposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli matul dak il-perjodu ta' żmien li jista' jkun stipulat fl-ittra uffiċjali biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità u biex tipproponi kull rimedju li jsewwi l-attijiet jew l-ommissjonijiet hekk kif ikunu meħtieġa mill-Awtorità li jiġu hekk imsewwija.*

*(2) Fl-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), l-Awtorità tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet li tista' tikkunsidra raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.*

*(3) Jekk il-persuna involuta tirrimedja l-ksur fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1), u taqbel bil-miktub li tosserva l-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi, l-Awtorità għandha tieqaf milli tkompli tipproċedi:*

*Iżda jekk il-persuna involuta, wara li tkun intrabtet bil-miktub, kif imsemmi hawn qabel, tonqos milli tirrimedja l-ksur fiżżmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1) jew tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jkunu ġew miftiehma bil-miktub, l-Awtorità għandha timponi penali amministrattiva kontra dik il-persuna għal dak in-nuqqas, flimkien mal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta għall-ksur innifsu.*

*(4) Jekk wara li jiskadi l-perjodu imsemmi fis-subartikolu (1), l-Awtorità tikkunsidra li l-persuna involuta ma tkun tat ebda raġuni valida biex turi għaliex m'għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva kontra dik il-persuna,* ***l-Awtorità għandha tgħaddi biex timponi dik il-multa amministrattiva,***[1]
*....*

*(6) L-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell minnha, u meta ssir notifika ta' kopja tagħha permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna li weħlet*

[1] Enfasi tat-Tribunal

*il-penali amministrattiva, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-għanijiet kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*

*Iżda jekk il-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali, tagħmel appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, u flimkien mal-appell jew qabel ma tagħmel l-appell tkun talbet li t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jissospendi l-effetti tal-ittra uffiċjali, għaldaqstant l-Awtorità għandha tieqaf milli toħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi f'dan is-subartikolu sakemm tkun ġiet deċiża, miċħuda jew mod ieħor ittrattata t-talba għal sospensjoni:*

*Iżda wkoll it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jiddeċiedi kull talba għas-sospensjoni msemmija f'dan is-subartikolu mill-aktar fis. Qabel ma tiġi deċiża talba bħal dik, it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jagħti lill-Awtorità opportunità raġonevoli biex twieġeb u tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, fi żmien mhux anqas minn tliet ijiem tax-xogħol."*

Illi fil-fehma tat-Tribunal, jekk wieħed jaqra d-diċitura tal-ittra uffiċjali appellata wieħed jifhem l-affarijiet kif fehmithom Falzon. Filwaqt li jista' jkun, u t-Tribunal hekk jemmen, li l-Awtorita` intimata, f'każ li ma jkunx hemm appell mid-deċiżjoni tagħha, kienet se terġa' tippreżenta ittra uffiċjali oħra bl-imposizzjoni tal-penali inflitta, dan ma jirriflettix id-diċitura tal-kontenut tal-ittra uffiċjali odjerna. Falzon kellha raġun tifhem li għalkemm ingħatat żmien ta' għoxrin (20) jum biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, fl-istess nifs ġiet infurmata li jekk hi ma tikkonformax ruħha mal-obbligi imposti bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 423.48, kienet se tiġi mposta fuqha l-multa msemmija mingħajr ebda avviż ieħor. Fil-fatt l-istess ittra tgħid testwalment hekk "*Inoltre l-Awtorita` mittenti tavżak illi jekk tibqa' inadempjenti se jittieħdu, mingħajr ebda pre avviż ieħor il-proċeduri opportuni kontra l-istess soċjeta intimata."* Fil-fehma tat-Tribunal is-soċjeta` rikorrenti ma kellhiex tort taħseb illi appena jgħaddu l-għoxrin (20) ġurnata, l-Awtorita` intimata kien se jkollha titolu eżekuttiv f'każ li l-istess ittra ma tiġix kontestata.

Illi għalhekk, fl-umli opinjoni tat-Tribunal, anke jekk għall-grazzja tal-argument l-Awtorita` intimata kellha kull intenzjoni li tippreżenta ittra uffiċjali ulterjuri biex tesegwixxi l-penali inflitta, id-diċitura tal-ittra uffiċjali mpunjata ma kienet xejn feliċi u setgħet verament tagħti lok għall-interpretazzjoni li ngħatat minn Falzon. Kwindi s-soċjeta` rikorrenti għandha raġun fl-aggravju tagħha illi proċeduralment l-ittra uffiċjali appellata hija waħda difettuża.

Illi t-Tribunal, jekk irid, jista' jieqaf hawn. Madanakollu, stante li din kienet l-ewwel darba li l-Awtorita` intimata mexxiet fuq nuqqas tal-obbligi ta' fornitur abbażi tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 423.48, it-Tribunal iħoss li għandu jindirizza wkoll l-aggravji l-oħra sabiex ikun hemm gwida f'materji simili.

Illi s-soċjeta` rikorrenti ssottomettiet illi d-deċiżjoni appellata kienet waħda irraġjonevoli u sproporzjonata u li di piu` ma ngħatatx spjegazzjoni kif l-Awtorita` intimata waslet għall-multa amministrattiva inflitta fuqha.

Illi Falzon tirrileva illi bħala l-Awtorita` responsabbli mill-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja, l-Awtorita` intimata kellha tgħin lill-fornituri li kellhom xi diffikulta` biex jimlew it-*template* li kienet se tintuża ai fini ta' rapurtaġġ. In effetti, Falzon talbet lill-Awtorita` biex tindikalha jekk kienx hawn xi esperti fil-qasam li setgħu jgħinuha fir-rapurtaġġ. Ir-riposta tal-Awtorita` kienet fis-sens illi Falzon kellha ssegwi l-liġi u ġew indikati d-disposizzjonijiet tal-istess liġi. Fin-nuqqas ta' għajununa, Falzon kellha tuża d-*default value,* li teknikament huwa valur għoli u li allura jagħti riżltat ta' tnaqqis iżgħar tal-*Hydrotreated Vegetable Oil* (HVO).

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata hija fid-dover li toffri sapport lill-fornituri u mhux sempliċement tfornihom b'*template* li l-mekkaniżmu tagħha ma kienx magħruf mill-istess fornituri. Illi filwaqt li li kieku Falzon kellha f'idejha ċ-ċertifikat tal-*proof of sustainibility* tal-HVO probabilment ma kienx ikollha ebda problemi, liema ċertifikat eventwalment ġie misjub u esebit mar-rikors promutur, xorta waħda jibqa' l-fatt illi l-liġi tagħti għażla oħra kif jista' jiġi determinat il-valur tal-*greenhouse gas emissions.* Illi mill-korrispondenza skambjata jirriżulta illi Falzon talbet l-għajnuna tal-Awtorita` u kwindi ma jistax jingħad li injorat l-obbligi tagħha. Ippruvat tonora dawn l-obbligi bl-aħjar abilita` tagħha, pero`, fil-fehma tat-Tribunal, tenut kont tan-natura teknika kien hemm bżonn iktar sostenn da parti ta' esperti tekniċi. Min-naħa l-oħra, it-Tribunal jirriżultalu illi kull darba lil-Awtorita` intimata talbet lil Falzon biex tibgħatli l-metodu kif waslet għall-kalkoli tagħha[2], dan ma għamlitux u għalhekk ċertament l-Awtorita` ma setgħetx tgħin lil Falzon dwar jekk il-metodu li kienet qed tadopera kienx żbaljat jew le.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, bin-nuqqas ta' informazzjoni li Falzon m'għaddietx lill-Awtorita` intimata, u ċioe` l-metodu kif waslet għall-kalkoli tagħha, l-istess Awtorita` ma setgħetx wisq toffri għajnuna lil Falzon u dana għaliex ma setgħetx tagħti l-*feedback* tagħha dwar jekk Falzon kinitx qed tirraporta kif suppost jew le. Illi għaldaqstant l-Awtorita` intimata tpoġġiet fl-impossibilita` li tgħin lil Falzon dwar il-kalkoli in kwistjoni.

Illi kwindi, kwantu għall-motivazzjoni li wasslet għad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kien hemm nuqqas da parti ta' Falzon, għal sena wara sena, li wassal lill-Awtorita` intimata taġixxi, u dan anke in vista tal-obbligi li għandha l-istess Awtorita` ai termini tad-Direttiva ċitata iktar 'il fuq.

---

[2] Ara pereżempju emejl a fol 135 datata 20 ta' Diċembru 2019.

Illi fir-rigward tal-multa maħsuba f'każ ta' inadempjenza, it-Tribunal jirrileva li ai termini tal-artikolu 31 (2) tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta, il-multa massima li tista' timponi l-Awtorita` intimata hija ta' mitt elf ewro (€100,000). Fil-każ odjerna l-Awtorita` intimata imponiet multa amministrattiva ta' sittin elf ewro (€60,000). It-Tribunal iqis li fiċ-ċirkostanzi din il-multa kienet waħda sproporzjonata. Illi jirriżulta illi l-problema kienet ilha ġejja mill-2018 u baqgħat tippersisti għas-snin ta' wara pero` ma jirriżultax illi s-soċjeta` rikorrenti kienet qiegħda tagħmel xi eżerċizzju ta' rapurtaġġ *in malafede*. It-Tribunal verament jemmen li Falzon kellha diffikultajiet ta' kif kellhom jirrapurtaw. L-Inġinier George Cassar spjega, bejn wieħed u ieħor, kif l-Awtorita` waslet għaċ-ċifra ta' sittin elf ewro (€60,000), u ċioe` illi ttieħed il-prezz tal-*fuel* ta' dak iż-żmien u d-differenza tal-persentaġġ li ma ntlaħaqx mis-6% stipulat fil-liġi u allura ħarġet iċ-ċifra tal-qliegħ li għamlet Falzon billi ma onoratx l-obbligi tagħha bit-tnaqqis tas-6%. Illi pero`, kif saħqet Falzon, l-Awtorita` intimata ma kellha ebda prova illi Falzon xtrat bil-prezz li abbażi tiegħu inħadmet il-multa amministrattiva, liema prezz *del resto* ma ġie bl-ebda mod indikat f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta li ma sar ebda tentattiv da parti tal-Awtorita`intimata sabiex tindaga b'kemm inxtara l-*fuel* minn Falzon. It-Tribunal iqis li għalkemm jista' jirriżulta li kien hemm xi nuqqasijiet fattwali fir-rapurtaġġ, anke minħabba ċ-ċirkostanzi kif spjegati iktar 'il fuq, fid-deċiżjoni tagħha, l-Awtorita` kellha tindika b'mod ċar lil Falzon kif waslet għall-multa amministrattiva, u dan anke sabiex Falzon tkun f'posizzjoni li timpunja tali multa. Illi filwaqt li ħareġ ċar illi Falzon ma laħqitx il-miri stipulati fid-Direttiva, madanakollu it-Tribunal iħoss li l-multa msemmija fid-deċiżjoni appellata hija waħda arbitrarja u eċċessiva tenut kont li din kienet l-ewwel darba li l-Awtorita` kienet formalment qed issib li Falzon naqset mill-obbligi tagħha.

Illi finalment it-Tribunal jirrileva illi għalkemm l-Awtorita` intimata għandha diskrezzjoni assoluta fuq il-*quantum* tal-multa amministrattiva, siccome` l-massimu tal-multa huwa ta' mitt elf ewro (€100,000) pero` bla ebda ammont ta' minimu, huwa imperattiv li l-istess Awtorita` tadotta linji gwida jew politika dwar l-imposizzjoni ta' multi amministrattivi li jagħtu stampa ċara tal-multi amministrattivi li jistgħu jiġu mposti fuq il-fornituri.

Illi għalhekk it-Tribunal iqis illi filwaqt li Falzon m'għandhiex raġun fl-aggravju tagħha illi d-deċiżjoni fil-mertu kienet waħda irraġjonevoli, tqis pero` li l-multa inflitta kienet waħda sproprozjonata u meħuda b'mod arbitrarju. Illi pero`, dan it-Tribunal ma jistax inaqqas il-multa inflitta stante li dan il-ġudizzju huwa riservat biss għall-Awtorita` intimata.

Fl-aħħarnett it-Tribunal jirrileva illi minkejja għexieren ta' emejls skambjati sa mil-2018 bejn Falzon u l-Awtorita`, Falzon baqgħat tirriskontra diffikulta` fir-rapurtaġġ ta' kull sena. Għalhekk it-Tribunal jistieden lill-partijiet sabiex

jiltaqgħu madwar mejda sabiex jipprovaw jissorvolaw il-problemi tekniċi li Falzon jista' jkun qed tirriskontra fir-rapurtaġġ tagħha sabiex il-problema ma tibqax tirrikorri fir-rapurtaġġ ta' kull sena.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija u fit-termini strettament hawn fuq enunċjati, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta` rikorrenti u għalhekk qed iħassar u jirrevoka l-effetti kollha tal-ittra uffiċjali 466/22 maħruġa mill-Awtorita` intimata kontra l-istess soċjeta` u d-deċiżjoni tal-istess Awtorita` li timponi l-multa ta' sittin elf ewro (€60,000) kontra l-istess soċjeta`;
2. Jiċħad it-tieni talba.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**